# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fil-21 t'April 2013 għall-ħabta tal-21:15 :

(a) "bhala sid tal-bar bl-isem ta Taboo Bar li jinsab Triq Bormla, Paola, daqqejt muzika, dejjaqt lil girien bil-hsejjes"

(b) "kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi tajt fastidju lil Conrad Borg meta missek kont taf illil bil-hsejjes tal-muzika kont ser tkun ta fastidju ghalihom".

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi għalkemm il-lokuzzjoni tal-ewwel imputazzjoni mhix għal kollox feliċi, il-kliem użat magħqud mal-indikazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-istess imputazzjoni kienet qegħda tiġi imputata taħt l-Artikolu 41 tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta (u preżumibbilment taħt subinċiż 2 tiegħu) dil-Qorti jidhrilha li l-istess lokuzzjoni tissodisfa l-minimum meħtieġ għalbiex ikun jista' jiġi ritenut li l-imputazzjoni hija legalment ammissibbli. Mistqarr dan, il-Qorti wara li semgħet il-provi prodotti f'dan il-każ tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha relattivament għall-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti rat li l-imputat huwa liċenzat biex jopera l-ħanut bl-isem ta' Taboo Snack Bar bħala "Snack Bar Second Class". Illi pero l-ġestjoni ta' din l-attivita permezz ta' liċenza ma tfissirx li huwa jista' jopera mingħajr konsiderazzjoni xierqa għar-regoli tal-bwon viċinat jew mingħajr ma possiblment jinkorri fi ksur ta' liġi penali ordinarja fil-każ

t'infrazzjoni ta' tali liġi sempliċiment għax huwa fil-pussess ta' liċenza.[1] Inoltre kwalunkwe liċenza ma tippreġudikax id-drittijiet ta' terzi li jkunu protetti mill-Liġi.[2] Illi l-imputat huwa marbut li jimxi mal-kondizzjonijiet tal-liċenza u anzi għandu jqis bħala insita fil-liċenza, bla ebda bżonn li tiġi espressament enunċjata, illi l-użu awtorizzat għandu jkun skont, eżerċitat b'rispett u fil-limiti tal-liġi.[3] Dan ir-rispett u l-limiti tal-Liġi jeżiġu li fl-eżerċiżżju tan-negozju tiegħu l-imputat ma jistax jikkawża inkonvenjent li bih huwa jdejjaq lill-ġirien tiegħu.

Biex dan l-inkonvenjent ikun kriminalment punibbli pero jrid ikun wieħed pruvat li kien serju f'sens oġġettiv, irid ikun wieħed sostanzjali u mhux raġonevoli.[4] Inoltre, t-test li għandu jagħmel il-ġudikant għandu jkun wieħed oġġettiv[5] għalkemm fil-każ ta' inkonvenjent kaġunat minn ħsejjes il-Qorti trid tevalwa l-provi skont ix-xiehda tal-persuna jew persuni li jkunu disturbati mill-ħsejjes.[6] Huwa mħolli f'idejn il-ġudikant li jevalwa minn każ għal każ u *in concreto* jekk ikunx hemm l-inkonvenjent ravviżat mill-leġislatur li għandu jiġi evitat, u normalment ma hemmx ħtieġa li jitqabbad espert tekniku.[7]

---

[1] Ara obiter ***Il-Pulizija vs. Raymond Spiteri***, Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar l-20 ta' Novembru 1998.
[2] Ara ***Bugeja vs. Washington*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) nhar il-5 ta' Mejju 1897 kif kwotata mill-Imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et***, Qorti Kriminali (sede t'appell), WH, deċiża nhar is-16 ta' Diċembru 1946.
[3] Ibid.
[4] Ara ***Il-Pulizija vs. Michael Grech***, Qorti tal-Appell Kriminali, PV, deċiża nhar is-30 t'April 1998.
[5] Ibid.
[6] Ara ***Il-Pulizija vs. Raymond Spiteri***, Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar l-20 ta' Novembru 1998.
[7] Ara "Il-Pulizija vs. Fortun Fava", Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar il-5 ta' Frar 1998.

Illi dwar in-natura tal-inkonvenjent u x'tifsira għandha legalment tingħata lil dan it-terminu, din il-Qorti tara li dak mistqarr mill-Imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et,*** deċiża mill-Qorti Kriminali (sede t'appell) nhar is-16 ta' Diċembru 1946 huwa importanti għad-determinazzjoni ta' dan il-każ. Dik il-Qorti għallmet illi l-inkonvenjent jissenja l-limiti tal-użu awtorizzat. Dan għandu jiġi interpretat fis-sens ta' kif dejjem ġie interpretat il-każ analogu ta' molestja f'kawżi ċivili fuq l-istess materja. Biss, *criminalibus,* il-limitu stabbilit m'għandux ikun biss dak applikabbli *civiliter* jiġifieri li jiġu eċċeduti l-miżuri ta' rigward lejn il-bwon viċinat li normalment għandhom jiġu rispettati. Fil-kamp penali hemm bżonn li l-fatt ikun jikkostitwixxi *nuisance* jiġifieri substantial inconvenience and material discomfort.[8] F'dan is-sens għalhekk l-inkonvenjent għandu jkun wieħed "gravi" u "mhux faċilment tollerabbli" ukoll kif deċiż l-appell ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Meli vs Calleja*** nhar il-5 ta' Frar 1908 ukoll ċitata fl-istess kawża.

Inoltre, l-istess inkonvenjent irid ikun wieħed meqjuż bħala "kontinwu u intens". Jekk ma jikkonkorrux dawn l-elementi il-każ ma jkunx jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi penali u dan għaliex altrimenti, din kienet tolqot anke każijiet t'inkonvenjent ħafif, li allura jirrendi l-ħajja soċjali kważi impossibbli. Hawnhekk l-Imħallef Harding ikompli jikkwota lill-

[8] Hawnhekk l-Imħallef Harding jiċċita sentenza Ingliża "Walter vs Selfe" tal-1851 li hija riportata minn Burrows fil-Ktieb tiegħu "Words and Phrases Judicially Defined" fil-Volum III a pagna 524.

Kollega tiegħu Ingliż Pollock fis-sentenza ***Bamford vs. Turnley*** deċiż fl-1862 fejn ingħad li :

> The compromises that belong to social life, and upon which the peace and comfort of it mainly depend, furnish an indefinite number of examples where some apparent natural right is invaded, or some enjoyment abridged, to provide for the more general convenience or necessities of the whole community.

Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li fid-data u ħin inkriminati l-imputat, permezz tad-daqq tal-mużika mill-istabbiliment ġestit minnu ħaddem jew ġiegħel jew ħalla li jitħaddem loudspeaker, amplifikatur jew strument bħal dawn jew inkella ġiegħel jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li kkawżaw inkonvenjent sostanzjali lill-ġirien tiegħu (parte civile) u bħala riżultat ta' dan l-istess parte civile ġew imdejqa. Dan jirriżulta kemm mix-xiehda tal-parte civile kif ukoll mir-relazzjoni teknika eżegwita mill-Professur Joseph Agius.

Illi kwantu għat-tieni imputazzjoni, il-Qorti rat li l-imputazzjoni kontestata lill-imputat hija ristretta għal dak li allegatament seħħ fil-21 t'April 2013 għall-ħabta tad-21:15. Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovdi l-parametri temporali li fuqhom din il-Qorti setgħet issib ħtija fl-imputat. Huwa paċifiku li sabiex ir-reat ta' fastidju jkun jista' jiġi ritenut integrat, l-egħmil li jikkawża l-fastidju irid ikun tali li jkun isawwar *"a course of conduct"* u mhux ibbażat fuq episodju waħdieni jew iżolat. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni naqset milli

timputa perjodu ta' żmien partikolari li fih ikun jista' jiġi ritenut li jkun twettaq egħmil li jsawwar *"a course of conduct"* u dan peress li dak li seħħ mil-21 t'April 2013 għall-ħabta tad-21:15 waħda mhux biżżejjed biex ikun jista jiġi ritenut li twettaq egħmil li juri *"course of conduct"*. Il-Prosekuzzjoni riedet hawnhekk torbot l-allegat egħmil fastidjanti mhux biss ma dak l-episodju li seħħ fil-21 t'April 2013 għall-ħabta tad-21:15, iżda wkoll ma dak li seħħ almenu fil-jiem preċedenti. U dawn kellhom jiġu inklużi fl-imputazzjoni in kwantu l-Prosekuzzjoni riedet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mhux biss il-fatt li seħħ l-egħmil li jsawwar il-*"course of conduct"* li fuqu r-reat tal-fastidju huwa bażat, iżda wkoll il-perjodu taż-żmien li fih dan l-egħmil seħħ. Dan il-perjodu ta' żmien huwa nieqes f'din l-imputazzjoni u għalhekk dil-Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li ssib lill-imputat ħati tar-reat ta' fastidju fin-nuqqas ta' perjodu ta' żmien speċifiku imputat fil-komparixxi li fih ikun jista' jintwera bil-provi li fih sehh l-egħmil fastidjanti formant l-*course of conduct* kriminuż.

## ***Deċide***

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li wara li rat l-Artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssibu

ħati tal-ewwel imputazzjoni u b'applikazzjoni tal-Artikolu 318 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-isforzi li saru mill-imputat in segwitu għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Professur Joseph Agius fir-relazzjoni tiegħu, tikkundannah għal ammenda ta' ħamsin euro (€50) u tordnalu sabiex fi żmien tliet xhur jassigura li r-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula mill-Professur Agius fir-relazzjonijiet tiegħu ikunu ġew eżegwiti.

Inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-Perit Professur Joseph Agius u dan fl-ammont ta' mhux anqas minn €1484.35 fi żmien tliet xhur millum.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***